MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2012

Numru. 947/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)**

**Vs**

**Joseph Manuel Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Joseph Manuel Galea ta' hamsa u erbghin (45) sena, bin Charles u Josephine neè Galea, imwieled l-Awstralja fit-23 ta' Marzu 1958 u residenti Nru.59, Triq l-Etna, Mellieha, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 31182(M), talli bejn is-17 ta' Awwissu 2002 u t-2 ta' Awwissu 2004, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda

b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn hamest elef disa’ mija tnejn u sebghin Lira Maltija (Lm5,972), illum ekwivalenti ghal €13,911.02, bi hsara tal-Gvern ta’ Malta, u talli b’hekk sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie kkundannat b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati;

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali fl-10 ta’ Ottubru 2007[1], li bihom kif mahsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti dwar il-htija tieghu taht dak li hemm mahsub: (i) fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (iii) fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja[2];

Semghet u kkunsidrat ix-xhieda ta’ l-Ispettur Joseph Cordina moghtija waqt is-seduti tas-7 ta’ Settembru 2007[3] u tat-23 ta’ Frar 2012[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tas-7 ta' Settembru 2007 markati Dok. “JC1” sa’ Dok. “JC11” a fol. 21 sa’ 52 tal-process, ix-xhieda ta’ Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali sezzjoni tal-Pensjonijiet, moghtija waqt is-seduta tas-7 ta’ Settembru 2007[5], ix-xhieda ta’ Victor Micallef, rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c., moghtija waqt is-seduta tas-7 ta’ Settembru 2007[6] u rat id-dokument esebit minnu waqt l-imsemmija seduta markat Dok. “VM1” a fol. 56 tal-process, ix-xhieda ta’ Joseph Borg Cardona, rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c.,

[1] Fol. 61 u 62 tal-process.
[2] Seduta ta’ l-4 ta’ Ottubru 2010, fol. 124 u 135 tal-process.
[3] Fol. 29 sa’ 32 tal-process.
[4] Fol. 161 sa’ 167 tal-process.
[5] Fol. 53 u 54 tal-process.
[6] Fol. 55 tal-process.

moghtija waqt is-seduti tas-7 ta' Settembru 2007[7], tas-26 ta' Novembru 2007[8] u tal-21 ta' Gunju 2011[9] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduti tas-7 ta' Settembru 2007 u tas-26 ta' Novembru 2007 markati Dok. "JBC1" a fol. 59 tal-process u Dok. "VBC1" u Dok. "VBC2" a fol. 80 sa' 92 tal-process, ix-xhieda ta' PS130 Ivan Cilia[10] u ta' WPC 249 Maruska Debattista[11] moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2007, ix-xhieda ta' Maria Gatt, in rapprezentanza ta' l-APS Bank Limited, moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2007[12] u d-dokumenti minnha esebiti waqt dik is-seduta markati Dok. "GM1" u Dok. "GM2" a fol. 71 u 72 tal-process, ix-xhieda ta' l-Espert tal-Qorti Martin Bajada moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2007[13] u rat ir-Relazzjoni tieghu a fol. 76 tal-process, ix-xhieda ta' Peter Miceli Saydon, Principal Officer fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, moghtija waqt is-seduti tat-23 ta' Gunju 2008[14], tat-30 ta' Marzu 2012[15] u ta' l-20 ta' April 2012[16] u rat id-dokument minnu esebit waqt is-seduta tat-30 ta' Marzu 2012 markat Dok. "GV1" a fol. 168 tal-process, ix-xhieda ta' Charlo Galea, skrivan mal-Bank Centrali, moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2008[17], ix-xhieda ta' Evelyn Mizzi, Principal Officer fit-Tezor, moghtija waqt is-seduti tat-23 ta' Gunju 2008[18] u ta' l-4 ta' Ottubru 2010[19], ix-xhieda ta' l-Ispettur Angelo Gafà moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2010[20] u rat id-dokument minnu esebit waqt l-imsemmija seduta markat Dok. FGA1" a fol. 130 sa' 132 tal-process, ix-

[7] Fol. 57 u 58 tal-process.
[8] Fol. 77 sa' 79 tal-process.
[9] Fol. 143 sa' 145 tal-process.
[10] Fol. 65 u 66 tal-process.
[11] Fol. 67 u 68 tal-process.
[12] Fol. 69 u 70 tal-process.
[13] Fol. 74 u 75 tal-process.
[14] Fol. 100 sa' 102 tal-process.
[15] Fol. 169 sa' 174 tal-process.
[16] Fol. 176 tal-process.
[17] Fol. 103 u 104 tal-process.
[18] Fol. 105 u 106 tal-process.
[19] Fol. 126 u 127 tal-process.
[20] Fol. 128 u 129 tal-process.

xhieda ta’ l-imputat[21] u ta’ Joseph Attard[22] moghtija waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ April 2012;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-process;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex jigi ggudikat dwar il-htija/htijiet tieghu taht l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana billi bejn is-17 ta' Awwissu 2002 u t-2 ta' Awwissu 2004, b'agir qarrieqi ghamel qligh ta’ aktar minn Lm5,972, illum ekwivalenti ghal €13,911.02, bi hsara ghall-Gvern ta’ Malta, u konsegwentement irrenda ruhu recidiv peress illi già kien ikkundannat ghall-kummissjoni ta' reati b'sentenzi pronuncjati mill-Qrati ta' Malta.

It-tezi tal-Prosekuzzjoni hija li l-imputat naqas milli jinforma lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bil-mewt ta’ missieru Carmelo Galea bil-konsegwenza li baqa' jircievi u jusufruwixxi mill-pensjoni tieghu sakemm fis-sena 2004 id-Dipartiment skopra li Carmelo Galea kien miet fit-30 ta' Lulju 2002, jigifieri madwar sentejn qabel. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li wara t-30 ta' Lulju 2002 il-pensjoni xorta baqghet tohrog favur Carmelo Galea u dana permezz ta' cheque datat 17 ta' Awwissu 2002 u in segwitu b'depoziti effettwati direttament f'kont bankarju mal-Bank of Valletta intestat lil Carmelo Galea, u kien jusufruwixxi minnha l-imputat billi sarraf ic-cheque datat 17 ta' Awwissu 2002 u ghamel diversi preljievi mill-kont bankarju fejn kienet tigi depozitata l-pensjoni permezz ta' ATM *transactions* kemm minn Malta kif ukoll minn Sqallija. Da parte tieghu l-imputat jichad kwalunkwe htija ghar-reati li qed jigi akkuzat bihom u jikkontendi li huwa kien debitament informa lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bil-mewt ta’

[21] Fol. 177 sa’ 181 tal-process.
[22] Fol. 182 sa’ 184 tal-process.

missieru u jekk id-Dipartiment baqa' johrog pensjoni favur missieru Carmelo Galea dana huwa nuqqas tad-Dipartiment li ghalih ma ghandux jinzamm responsabbli hu. L-imputat in oltre jichad li qatt uza ATM card intestata lill-missieru, peress illi missieru qatt ma kellu ebda tip ta' ATM card.

L-Ufficjal Investiggattiv, l-Ispettur Joseph Cordina, xehed waqt is-seduta tas-7 ta' Settembru 2007[23] fejn spjega fid-dettal il-kaz tal-Prosekuzzjoni kontra l-imputat. Huwa xehed illi *f'dan il-kaz il-Pulizija rceviet rapport mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, prezentement minn Peter Miceli Saidon* [Dok. "JC7" a fol. 43 sa' 46 u fol. 48 tal-process] *fejn dan irrakontalna li pensjonant bl-isem ta' Charles Galea bl-ID No. 507224(M) kien miet fit-30 ta' Lulju ta' l-2002* [Dok. "JC5" a fol. 37 tal-process] *izda l-pensjoni tieghu baqghat tohrog regolarment u bdiet tigi depozitata fil-Kont tal-Bank of Valletta bin-Numru 40011781349* [Dok. "JC6" a fol. 38 sa' 42 tal-process] *sakemm id-Dipartiment gie avzat bil-mewt ta' Charles Galea u dana kien fil-25 ta' Mejju 2004. Jigifieri sentejn wara li miet. Min kitbilna wkoll qalilna li kienu infurmaw lil Bank of Valletta. Id-Dipartiment kienu infurmaw lil Bank of Valletta f'dan ir-rigward u ghalhekk il-kont li semmejt gie blokkjat mill-Bank fl-14 ta' Gunju 2004. L-agent li kien qieghed jiehu hsieb il-persuna – il-mejjet Charles Galea – kien it-tifel tieghu Joseph Galea bl-ID Card No. 31182(M) li jirrizulta li huwa l-akkuzat. Fit-18 ta' Awwissu 2004, wara li rcevejt ir-rapport, rajt id-dokumenti u hawnhekk kien jidher ukoll li kien hemm cekk partikolari BM4749832 datat 17 ta' Awwissu 2002* [fol. 46 tal-process]. *Dawn id-dokumenti kienu juru li kien hemm totali depozitati wara l-mewt ta' Charles Galea li ammontaw ghal Lm5,972.16 izda sa' dak iz-zmien ma kelliex dokumenti biex naraw ezatt l-instructions li kellhom id-Dipartiment fejn fil-fatt kellhom jikkreditaw dan il-pensjoni fl-account. Ghamilt ukoll inquiry mal-Bank of Valletta dwar il-kont ta' Charles Galea. Dawn ikkonfermawli li f'dan il-kont ta' Charles Galea kienu qieghdin jidhlu regolarment il-hlasijiet tal-pensjoni u li minn dan il-kont kienu qieghdin jingibdu l-*

[23] Fol. 29 sa' 32 tal-process.

*flejjes tal-pensjoni permezz ta' mill-ATMs permezz ta' Visa Electron credit card li kienet mahruga fuq isem tal-mejjet Charles Galea u ghaldaqstant peress li kienu qieghdin jigu mahrugin minn ATM, ma kellniex informazzjoni min fil-fatt fir-verità fizikament beda jigbed dawn il-flus. Barra minhekk peress li dawn il-gibdiet ta' flus kienu saru aktar minn xahar qabel minn mindu saret taf biha l-Pulizija, il-Bank ma kellhiex records, ma kellhiex video footage biex inkunu nistghu naraw minn fil-verità kien qieghed jigbed dawn il-flus. Fit-13 ta' Awwissu 2004 jiena kellimt lil Joseph Galea, l-imputat li qieghed naghrfu hawnhekk. Is-Sur Galea ikkonferma mieghi li kien jiehu hsieb lil missieru Charles Galea sakemm miet fl-Lulju tas-sena 2002. Qalli ukoll li kellu prokura u li hu kien jiehu hsieb il-flus ta' missieru. L-aktar li kien jaghmel huwa li kien jigbed il-flus mill-Bank – il-flus tal-pensjoni. Qalli li missieru kellu zewg pensjonijiet wiehed mill-Awstralja u l-iehor mid-DSS, Malta. Qalli wkoll li missieru kien jircievi l-pensjoni permezz ta' cekk li fuqu kien ikun hemm anke ismu – isem l-imputat bhala agent u ghalhekk qal li hu kien isarraf ic-cekkijiet ta' missieru billi kien jiffirma hu stess fuq ic-cekkijiet. L-imputat qalli li ma kienx jaf u qatt ma nzerta li l-pensjoni qieghda tigi f'xi account imma dejjem permezz ta' cekkijiet direttament bil-posta. Komplejt l-investigazzjonijiet mal-bank u gibt statement tal-kont li semmejt u dana wera li l-flus tal-pensjoni kienu qieghdin immorru direttament fil-kont u mhux b'cekkijiet, ghalkemm qabel setghu kienu b'cekkijiet u kienu jidhru li kien hemm various withdrawals, kemm-il darba kienu jigbu permezz ta' ATMs minn Malta, kif ukoll kien hemm xi gbid ukoll minn Pozzallo, l-Italja. Hawnhekk irrid niccara li l-imputat meta kont kellimtu kien qal li missieru kien jircievi l-pensjoni bic-cekkijiet u mhux li kienu jmorru direttament f'xi kont bankarju. Kif ghedt il-bank, il-Bank of Valletta kien qalilna u li kien qieghed isir gbid permezz ta' ATMs kemm minn Malta, kif ukoll minn Pozzallo. Il-Bank qalilna li ma setghax kif ghedt qabel itina xi ritratti jew video footage ghaliex kien ghadda aktar minn xahar. Izda mbaghad kien gara li fit-2 ta' Awwissu tas-sena 2004, din l-istess credit card regghet giex intuzata fl-ATM tal-Bank of Valletta ta' Race Course Street, il-Marsa. Hemmhekk allura stajna ngibu s-security video footage* [Dok. JC8" a fol. 47 tal-

process] *u hemmhekk wera minghajr l-ebda dubju li kien l-imputat Joseph Galea li kien qieghed jaghmel uzu minn din il-card ghaliex deher li prova jdahhal il-card u jdahhal il-pin number u ovvjament il-card ma hadmitx ghaliex l-account kien diga ibblokkjat mill-Bank, hareg din il-card, poggiha fil-kartiera, hareg card ohra u ghamel transazzjoni bit-tieni card. Allura hemmhekk ghandna prova wkoll li mhux minn wiccu biss izda anke mill-credit card qeghdin narawh juza credit card tieghu personali fl-istess hin li kien uza l-credit card ta' missieru. Din il-credit card, it-tieni wahda kienet credit card ta' l-APS u kienet fuq l-account ta' l-imputat Joseph Galea u b'hekk kellna sahhejna t-tezi taghna li s-Sur Joseph Galea kien il-persuna li kien qieghed juza l-credit card ta' missieru, filwaqt li dana kien mejjet. Is-Sur Galea ergajt baghat ghalih fl-1 ta' Settembru 2004, hadtlu l-istqarrija u l-ewwel tajtu t-twissija skond il-Ligi. Is-Sur Galea kkonfermali li qalli anzi li l-firma fuq ic-cekk kienet tixbah lil tieghu izda qalli li ma jiftakarx li kien iffirma dawn ic-cekkijiet u ikkexxjah ghax kien ghadda z-zmien. Hemmhekk rega' wkoll qal li ma kienx jaf li jezisti kont 4001781349 li semmejt qabel fuq isem missieru. U qalli wkoll li qatt ma uza din il-card biex jigbed xi flus anke wara li urejnieh ir-ritratti li kellna u li gibna mill-bank.*

Biex tipprova l-akkuzi tal-frodi migjuba fil-konfront ta' l-imputat il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda, ewlenin fosthom rapprezentanti tad-Dipartiment ta' Sigurtà Socjali – Ivan Cilia u Peter Miceli Saydon – u rapprezentant tal-Bank of Valletta – Joseph Borg Cardona.

Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, xehed waqt is-seduta tas-7 ta' Settembru 2007[24] u ddikjara li *Carmelo Galea bil-Karta ta' l-Identità Numru 507224(M) kien jircievi pensjoni taz-zewg terzi u dana baqa' jircieviha sat-22 ta' Mejju 2004 u dan minkejja li wara lilna kienet waslitilna informazzjoni li kienet turi li dana Carmelo Galea kien miet fit-30 ta' Lulju tas-sena 2002. Nghid illi l-pensjoni kienet tithallas lil dan Galea sat-13 ta' Settembru 2002 permezz ta' cekk. Nghid illi mill-14*

[24] Fol. 53 u 54 tal-process.

*ta' Settembru 2002 sa' l-ahhar data tal-pagament li sehhet fl-2004, dawna kienu jmorru bhala direct credit gewwa bank. Nghid illi c-cekk kien jinhareg fuq isem Carmelo Galea u fuq Joseph Galea bhala agent. Karta ta' l-Identita Numru ta' dana Joseph Galea hija 31182(M). Wara li imbaghad il-pensjoni kienet tinhareg direttament f'accounts il-Bank. Bhala account dana kien mal-Bank of Valletta kont numru 40011781349. Dana l-account kien f'isem Carmelo Galea. Nghid illi d-dipartiment taghna jaghmel esercizzju biex jara in kwantu ghal hlas u persuni li jkunu intitolati ghal hlasijiet ta' pensjoni, dwar jekk dawn ikunux ghadhom hajjin jew le u nghid illi d-dipartiment kien skopra fit-28 ta' Mejju, tas-sena 2004 li dana Carmelo Galea kien miet fit-30 ta' Lulju tas-sena 2002. Nikkonferma illi mill-verifiki li kont ghamilt jirrizulta li hadd mill-qraba ta' dan Carmelo Galea ma kien informa lid-dipartiment bil-mewt ta' dana Carmelo Galea u nghid illi ghaldaqstant id-dipartiment meta hadem imbaghad il-hlas zejjed li thallset rigwardanti l-pensjoni ta' l-imsemmi Carmelo Galea jirrizulta li l-ammont bhala hlas zejjed kien hemm hamest elef, disa' mija tmienja u sittin Lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm5,968.16). Qieghed nigi muri id-dokument dok JC7 u in kwantu ghal dana d-dokument, dana huwa sett ta' dokumenti illi nikkonferma illi ahna bhala dipartiment konna ghaddejna lil Pulizija. Qieghed nigi mistoqsi mill-prosekuzzjoni li hekk id-dipartiment li dawn l-flus li kien hallas zejda ingabrux mid-dipartiment. Nghid illi ma jidhirlix u li jiena m'inihix infurmat. Illi naf zgur huwa li mill-Bank il-flus ma gewx irritornati.*

Dak dikjarat minn Ivan Cilia gie kkonfermat minn Peter Miceli Saydon, Principal Officer fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2008, fejn iddikjara li *Carmelo Galea Karta ta' l-Identità numru 507224(M) kien jiehu l-pensjoni kontributorja mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u kienet tmurlu dirett f'kont, f'Bank of Valletta kont numru 40011781349. L-imsemmi Carmelo Galea kien gie nieqes fit-30 ta' Lulju tas-sena 2002. Xi pagamenti baqghu dehlin fil-kont wara l-mewt. Meta ahna vverifikajna mal-bank dawna infurmawna li kien sar gbid minn dawn l-ammonti li baqghu hergin bhala pagamenti wara l-mewt ta' l-*

*imsemmi Carmelo Galea. … bhala ammont ta' flus li lahqu hargu bhala pagamenti wara l-mewt ta' Carmelo Galea u li dawn l-flus ahna bhala dipartiment ma rkuprajnihomx lura, jammontaw fis-somma ta' hamest elef disa' mija, tmienja u sittin liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm5,968.16). Nghid fil-perjodu tas-sena 2002 il-metodu kif id-Dipartiment jkun gie nfurmat illi persuna li tkun qeghda tircievi beneficcji tkun mietet hija tramite il-qraba tal-mejjet jinfurmawna. Illum is-sistema hija differenti. Qed nigi muri d-dokument dok JC7 li jinsab minn fol. 43 sa' 46 tal-process. Nghid din hija korrispondenza tieghi li jiena ktibt fid-data tat-18 ta' Awwissu tas-sena 2004 indirizzata lill-Ispettur Joseph Cordina u jiena ghaddejtlu dokumentazzjoni li kien talabni. Nikkonferma li din hija d-dokumentazzjoni u covering letter li biha baghatt id-dokumentazzjoni li l-istess Spettur Joseph Cordina kien talabni. Nixtieq naghmel referenza partikolari a fol. 46 tal-process li hija formanti parti minn dok JC7 kopja tac-cheque datat 17 ta' Awwissu tas-sena 2002 li kien johrog f'isem Carmelo Galea jew l-agent tieghu Joseph Galea. Iffirmat J Galea b'id number 31182(M). B'referenza ghal dokumentazzjoni li qeghda a fol 44, 45 u 45A dawn huma lista ta' cekkijiet mahruga fuq is-sistema taghna li juru c-cekkijiet li gew mahruga wara, mahruga u depozitati wara d-data tal-mewt ta' Carmelo Galea.*

Il-fatti li jirrizultaw mix-xhieda kemm ta' Ivan Cilia kif ukoll ta' Peter Miceli Saydon jinsabu kkonfermati bid-dokumenti: (i) Dok. “JC6” a fol. 38 sa' 42 tal-process li huwa *bank statement* ta' kont mal-Bank of Valletta bin-Numru 40011781349 intestat lil Carmelo Galea ta' St. Joseph, 59 Triq l-Etna, Mellieha, minn liema jirrizulta li bejn Settembru 2002 u Mejju 2004, u cioè wara l-mewt ta' Carmelo Galea, kull xahar f'dan il-kont kien qed jidhol pagament ta' beneficcju socjali u b'mod regolari kienu qed jigu prelevati ammonti minn diversi ATMs kemm hawn Malta kif ukoll Pozzallo, Sqallija; u (ii) Dok. “JC7” a fol. 44 sa' 45 tal-process li huma *records* tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali minn liema jirrizulta kemm hargu pagamenti tal-pensjoni favur Carmelo Galea detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 507224(M) wara t-30 ta' Lulju 2002, ossia d-data tal-mewt tieghu. In effetti jirrizulta

li tul il-perijodu bejn is-17 ta' Awwissu 2002 u it-22 ta' Mejju 2004 id-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali hallas is-somma komplessiva ta' Lm5,974.16, illum ekwivalenti ghal €13,916.05, f'pensjonijiet favur il-mejjet Carmelo Galea.

L-awtenticità u l-kontenut tad-dokument Dok. "JC6" gew ikkonfermati minn Joseph Borg Cardona in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. waqt is-seduta tas-7 ta' Settembru 2007[25] u fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2007[26], fejn iddikjara li *in kwantu ghal dokument li jinsab a folio 59 tal-process nikkonferma li dan huwa statement mahrug mill-Bank of Valletta. In kwantu ghad-dokumenti li hemm … minn folio 38 sa' folio 42 nikkonferma li dawn huma statements tal-Bank of Valletta. Nghid illi b'referenza ghal dak mitlub mill-Avukat Generali dwar min kien ta struzzjonijiet lil Bank of Valletta sabiex il-pensjoni ta' Carmelo Galea tibda tigi mhallsa direttament fil-kont ta' Carmelo Galea esebit a folio 38 et seq. tal-process nghid illi minn verifiki li ghamilt jien jirrizulta illi ma ebda struzzjonijiet bil-miktub sabiex isir tali fil-kont. Minn naha tieghi nghid li minn dak li fittixt jiena ma jezisti ebda awtorizzazzjoni f'dan is-sens bil-miktub. Nghid illi in kwantu ghat-transazzjonijiet li jidher li kien hemm fl-istatements a folio 39 sa' 42 u wkoll rigwardanti l-istatement 59 tal-process nghid in kwantu l-modalità kien hrug u cioè withdrawals bl-uzu ta' l-ATM. In kwantu minn fejn saru dawn it-transazzjonijiet dawn huma kollha indikati fl-istatement u dana minn ezami ta' l-istatements li juri li dawn kienu minn diversi lokalitajiet. U wkoll jirrizulta illi kien hemm transazzjonijiet minn barra minn Malta kif irrizulta wkoll mill-istess statements. In kwantu minn min dana tkun il-persuna li jkollha l-ATM card f'idejha…*

Dwar l-istruzzjonijiet biex il-pensjoni ta' Carmelo Galea tigi depozitata direttament fil-kont ta' l-istess Carmelo Galea mal-Bank of Valletta, in kontro-ezami waqt is-seduta tal-21 ta' Gunju 2011[27] Joseph Borg Cardona kompla jghid li

[25] Fol. 57 tal-process.
[26] Fol. 77 u 78 tal-process.
[27] Fol. 143 sa' 145 tal-process.

*b’referenza li qieghda ssirli mid-difiza in kontro-ezami ghal dak li jiena ghidt fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Novembru elfejn u sebgha (2007) u cioè illi “minn verifiki li ghamilt jien jirrizulta illi ma hemm l-ebda struzzjonijiet bil-miktub sabiex dan il-kont” hawnhekk dwar dan nixtieq inzid is-segwenti u cioè f’dak il-perjodu u cioè allura fil-perjodu ta’ l-elfejn u tlieta (2003) kien hemm prassi tal-Bank illi l-Bank, u qieghed nirreferi ghal BOV, kien qieghed jaghmel certu ezercizzju mill-kaxxiera fejn in-nies li kienu qeghdin jigu biex jiehdu l-pensjoni u johduha cash biex innaqsu l-kjujuwiet u kienu jsaqsuhom jekk kienux jixtiequ illi l-pensjoni tkun depozitata f’kont u allura jkunu jistghu jaghtuhom card biex jigi utilizzat tramite l-ATM. Qieghed nigi mistoqsi jekk bhala stat ta’ fatt il-kaxxier wara li jkun verbalment qal lill-klijent dwar din l-opportunità li allura jkun jista’ jigbed il-flus tal-pensjoni bil-card mill-ATM jekk dina kienetx issir teleskritt nghid illi dwar din ma nafx jekk kienetx issir bit-teleskritt jew le. Nghid in kwantu ghal persuna li jkollha l-card f’idejja ta’ l-ATM allura dina tkun tista’ tigbed il-flus, ovjament il-persuna trid tkun taf ukoll il-code. Nghid li bhala stat ta’ fatt li nista’ nghid hu illi min mar jigbed bit-tramite card ta’ l-ATM flus mill-account ta’ Carmelo Galea kellu bilfors fil-pussess tieghu card ta’ l-ATM u l-Pin Code.*

Ghalkemm jidher li Joseph Borg Cardona ma sabx struzzjonijiet bil-miktub biex il-pensjoni ta’ Carmelo Galea tigi depozitata direttament fil-kont bankarju tieghu bin-numru 40011781349, dawn l-istruzzjonijiet gew esebiti minn Peter Miceli Saydon waqt is-seduta tat-30 ta’ Marzu 2012, Dok. “GV1” a fol. 168 tal-process, li sab kopja tad-dokument fil-file ta’ Carmelo Galea mad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali.

In kwantu rigwarda l-identità tal-perunsa li kienet tiehu hsieb u wkoll tamministra il-flejjes ta’ Carmelo Galea, partikolarment il-pensjoni li kien jircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali, jirrizulta b’mod car hafna li dan kien l-imputat. Di fatti mix-xhieda ta’ Ivan Cilia[28], ta’

[28] Seduta tas-7 ta’ Settembru 2007, fol. 53 u 54 tal-process.

Peter Miceli Saydon[29] u mid-diversi dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li ghall-finijiet tal-pensjoni u b'hekk tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali, l-imputat kien agent ta' missieru. L-istess imputat xehed illi *l-papà tieghi Carmelo Galea kien jircievi l-pensjoni b'cekk. Missieri kellu problemi ta' sahha peress li kienet qabditu stroke u ma tantx seta' jitkellem, apparti wkoll li kien bla saqajn. Fi zmien kienet tiehu hsiebu l-mama, imma mbaghad meta hi giet nieqsa bdejna niehdu hsiebu ahna, jigifieri jiena u l-mara. Kultant kienu jigu huti mill-Awstralja u kienu jarawh. … Peress li l-papà tieghi ma setax imur il-bank biex isarraf ic-cekk, kien ghamilli prokura ghall-fini li jien inkun nista' nsarraflu dan ic-cekk. Nikkoregi ruhi, mhux ghamilli prokura, izda kien wasal f'arrangament mad-dipartiment biex ic-cekk jitnizzel f'ismu u f'ismi u allura jkun jista' jissarraf jew minnu jew minni. … Ic-cekk kien johrog mis-Central Bank u allura seta' jissarraf fi kwalunkwe bank. Madanakollu l-aktar li kont insarraf kien fil-Bank of Valletta fejn missieri kellu l-accounts*[30].

Irrizulta debitament ippruvat ukoll li l-ATM card li biha kienu qed isiru l-preljievi mill-kont bankarju bin-numru 40011781349 intestat lil Carmelo Galea fejn kienet tigi depozitata l-pensjoni tieghu wara Settembru 2002, kienet fil-pussess ta' l-imputat u kien hu stess li ghamel il-preljievi li jirrizultaw mir-rendikont Dok. "JC6" a fol. 38 sa' 42 tal-process. Ir-Relazzjoni ta' l-Espert nominat mill-Qorti Martin Bajada[31], u partikolarment l-*stills* ta' CCTV footage ta' l-ATM, tikkonferma dak dikjarat mill-Ispettur Joseph Cordina waqt is-seduta tas-7 ta' Settembru 2007[32] u cioè li *fit-2 ta' Awwissu tas-sena 2004, din l-istess credit card regghet giex intuzata fl-ATM tal-Bank of Valletta ta' Race Course Street, il-Marsa. Hemmhekk allura stajna ngibu s-security video footage u hemmhekk wera minghajr l-ebda dubju li kien l-imputat Joseph Galea li kien qieghed jaghmel uzu minn din il-card ghaliex deher li prova idahhal il-card u jdahhal il-pin number u ovvjament il-card ma*

---

[29] Seduta tat-23 ta' Gunju 2008, fol. 100 sa' 102 tal-process.
[30] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2012, fol. 177 sa' 181 tal-process.
[31] Fol. 76 tal-process.
[32] Fol. 29 sa' 32 tal-process.

*hadmitx ghaliex l-account kien diga ibblokkjat mill-Bank, hareg din il-card, poggiha fil-kartiera, hareg card ohra u ghamel transazzjoni bit-tieni card. Allura hemmhekk ghandna prova wkoll li mhux minn wiccu biss izda anke mill-credit card qeghdin narawh juza credit card tieghu personali fl-istess hin li kien uza l-credit card ta' missieru.* Mix-xhieda ta' Maria Gatt[33], in rapprezentanza ta' l-APS Bank, jirrizulta kkonfermat li l-card ta' l-APS li giet uzata fit-2 ta' Awwissu 2004 fl-ATM tal-Bank of Valletta f'Race Course Street, Marsa, hija intestata lill-imputat: *nghid in kwantu ghal klijent taghna Joseph Manuel Galea id number, Karta ta' l-Identità numru 31182(M) u dana precizament nghid ghandu dan bhala cards ghandu diversi cards. Però f'dak li gejt biex nixhed nghid din hija premier card. Nghid li dina l-card iggib in-numru 58920899000298349 u qeghda f'isem Joseph Manuel Galea biss. Din qeghda fuq account number 12531431014. Din il-card inharget fl-1 ta' Ottubru tas-sena 2006 u tiskadi fit-30 ta' Settembru 2008, però nixtieq inzid illi dina kien hemm estensjoni tal-card ghax l-ewwel card li kienet inharget kienet fl-2001. Nikkonferma illi l-cards illi mbaghad jinbidlu biex jigu estizi dawn dejjem izommu l-istess numru. Inzid nghid illi jiena gejt mitluba biex naghti informazzjoni rigwardanti t-transazzjoni li sehhet fit-2 ta' Ottubru 2004. Din kienet transazzjoni ta' hamsin lira. Din saret mill-Bank of Valletta branka ta' Race Course Street, Marsa. Dawna, f'dan il-kaz ingibdu flus mill-ATM. Qeghda nesebixxi estratt ta' dina t-transazzjoni li qed tigi esebita bhala Dok. GM1[34]. Qeghda nesebixxi estratt tal-bank statement li tidher it-transazzjoni ghaddiet fl-4 ta' Awwissu tas-sena 2004 liema dokument qed jigi esebit u markat bhala Dok. GM2[35]. Nghid illi hawnhekk nixtieq nispjega illi t-transazzjonijiet taghna jghaddu through il-Bank of Valletta u dawna jiehdu jumejn zmien biex jigu processati. Ghaldaqstant jien nikkonferma li d-data tal-4 ta' Awwissu 2004 kif indikat fid-dokument Dok. GM2 effettivament it-transazzjoni kienet sehhet fit-2 ta' Awwissu 2004.* Il-Qorti tirrileva li ghalkemm fix-xhieda taghha Maria Gatt ghall-

[33] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2007, fol. 69 u 70 tal-process.
[34] Fol.71 tal-process.
[35] Fol. 72 tal-process.

ewwel ghamlet referenza ghad-data tat-2 ta’ Ottubru 2004, mill-kumplament tax-xhieda taghha u mid-dokumenti minnha esebiti jidher car li kienet qed tixhed fuq transazzjoni li sehhet fit-2 ta’ Awwissu 2004 u mhux fit-2 ta’ Ottubru 2004.

In fine mill-kontro-ezami ta’ l-imputat[36] tirrizulta wkoll il-konnessjoni tieghu ma’ Sqallija minn fejn jirrizulta li wkoll saru diversi priljievi[37] mill-kont bankarju ta’ Carmelo Galea bin-numru 40011781349, li kif già iktar ‘l fuq osservat huwa l-istess kont fejn kienet tigi depozitata l-pensjoni ta’ Galea. In effetti in kontro-ezami l-imputat iddikjara li *fi zmien meta kont ghadni impjegat mal-Gvern kont ukoll part-time farmer, niftakar li kont xtrajt xi serer minn Sqallija u allura kien hemm xi tlieta jew erba’ okkazzjonijiet li tlajt Sqallija minhabba dawn l-istess serer. Jien fil-fatt kont nitla’ Sqallija ta’ spiss mhux ghal finijiet tas-serrer biss, jiena kont nitla’ ghal-skopijiet ta’ raba, jigifieri ghal pjanti u affarijiet varji. Jiena ma niftakarx ezatt kemm-il darba kont nitla’ Sqallija imma dan kien ikun tlieta, erbgha jew hames darbiet fis-sena. Issa li qed terga’ ssirli referenza ghall-istqarrija li kont irrilaxxjat fl-1 ta’ Settembru 2004, li hija dokument JC4 a fol. 35 u 36 tal-process, nghid li xi xhur qabel dik l-istqarrija kont bdejt nitla’ ta’ spiss Sqallija. Jista’ jkun li tul dawn ix-xhur jiena kont nitla’ Sqallija qisu xi darba kull hmistax, imma ma niftakarx bl-ezatt. Jien kont nitla’ peress li kont ingorr il-frott bit-trakk. Illum m’ghadnix ingorr il-frott imma prodotti tas-supermarkets. Il-frott jien ilni li qtajtu zmien. … Qed jigi suggerit lili li kien hemm perijodi fejn kont nitla’ anke darba fil-gimgha u nghid li dan jista’ jkun, fil-fatt jien nikkonferma li kont nitla’ Reggio. Pozzallo kont immur imma dan ftit.*

L-imputat jirribatti ghal dawn il-provi, li fil-fehma tal-Qorti huma ferm inkriminati fil-konfront tieghu, billi fl-ewwel lok jikkontendi li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Prosekuzzjoni bhala fatt huwa kien informa lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bil-mewt ta’ missieru. Fix-xhieda li ta

[36] Seduta ta’ l-20 ta’ April 2012, fol. 177 sa’ 181 tal-process.
[37] Dok. “JC6” fol. 38 sa’ 42 tal-process.

quddiem il-Qorti fis-seduta ta’ l-20 ta’ April 2012[38] huwa ddikjara li *fi zmien meta miet missieri fit-30 ta’ Lulju 2002, jiena kelli wiehed mic-cekkijiet tal-pensjoni tieghu li kien ghadu ma ssarrafx. Fl-ahhar erba’ xhur qabel ma miet, lil missieri rrikoverajnieh f’dar ta’ l-anzjani ghar-raguni li l-mara tieghi kellha bzonn ftit break peress li kienet tiehu hsiebu kontinwament. Ghamilna hekk imma imbaghad darba minnhom kienu cempluli fejn qaluli li kelli bzonn immur l-isptar peress li lil missieri kienet taghtu taqliba u kellhom jirrikoverawh l-isptar. Jien imbaghad ircevejt telefonata mill-isptar fejn qalluli li ahjar immur minhabba l-kundizzjoni ta’ missieri u fil-fatt x’hin wasalt hemm sibt li missieri kien mejjet. Fir-rigward ta’ dan ic-cekk li semmejt, allura xi ftit jiem wara li miet missieri jien kellimt lil certu Joseph Attard u kont ghedtlu li ridt immur id-dipartiment tas-sigurtà socjali ha nara x’se naghmel bic-cekk. Jien fil-fatt kont mort fil-fergha tad-dipartiment ta’ San Pawl il-Bahar. Meta jiena mort fil-fergha ta’ San Pawl il-Bahar tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali kien hemm mara impjegata tad-dipartiment u staqsejt x’kelli naghmel bic-cekk. Hi infurmatni li peress li c-cekk kien mahrug f’ismi stajt insarrfu imbaghad huma jibghatuli d-differenza li kelli naghtihom. Meta jien mort fl-ufficcju tad-dipartiment, fil-fergha ta’ San Pawl il-Bahar, biex kellimt lil din il-mara jien dhalt f’kamra fuq in-naha tal-lemin*.

Ghalkemm l-imputat jinsisti li huwa gharraf lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bil-mewt ta’ missieru, kemm Ivan Cilia[39] kif Peter Miceli Saydon jishqu li fil-file tad-Dipartiment relattiv ghal Carmelo Galea ma hemm ebda minuta li turi li d-Diaprtiment kien gie infurmat bil-mewt tieghu. Ivan Cilia ddikjara li *nikkonferma illi mill-verifiki li kont ghamilt jirrizulta li hadd mill-qraba ta’ dan Carmelo Galea ma kien informa lid-dipartiment bil-mewt ta’ dana Carmelo Galea*, fatt dan ikkonfermat minn Peter Miceli Saydon li fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-30 ta’ Marzu 2012, in risposta ghad-domanda tad-Difiza: *investigajt minn kien l-ufficjal inkarigat f’dak il-perijodu u nghidlek li kienet mara, dahlet minuta li gie Mr Galea jinforma lid-dipartiment illi miet*

[38] Fol. 177 sa’ 181 tal-process.
[39] Seduta tas-7 ta’ Settembru 2007, fol. 53 u 54 tal-process

*missieru, x'jigri meta d-dipartiment jiehu zball?* irrisponda *lilna ma rrizultalniex li gie s-Sur Galea. Kieku sar ir-rapport, il-pagament kieku waqaf mal-ewwel.* U in risposta ghad-domanda tad-Difiza *allura jekk sar zball minn naha tal-ufficjali, allura l-persuna li mar jinforma lid-dipartiment u ha zball l-ufficjal x'jigri?* huwa rrisponda *lilna ma rrizultalniex li kien hemm dan it-tip ta' zball, nahseb kieku mill-2002 dan ir-rapport kien jitfacca minn x'imkien*. Waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2012[40] Peter Miceli Saydon rega' tenna li *fir-records taghna m'hemm l-ebda entry imnizzla minn impjegata mara tad-dipartiment fil-fergha ta' San Pawl il-Bahar, illi l-imputat kien gie jinfurmana li missieru kien miet.*

Fid-dawl tac-cahda kategorika tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali li l-imputat infurmhom bil-mewt ta' missieru, kien jehtieg lill-istess imputat jissosstanzja l-kredibilità ta' dak minnu affermat permezz ta' prova korroborattiva sodisfacenti. L-imputat ittenta jressaq tali prova korroborattiva tramite x-xhieda ta' Joseph Attard, illi xehed waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2012[41]. Dana Attard xehed illi *jien niftakar li kien miet Carmelo Galea, il-papà ta' l-imputat, peress li konna girien. Naf li wara li miet kien sar il-funeral. Meta miet missier l-imputat, peress li ahna hbieb segwejtu ftit aktar mis-soltu u kont inkun hafna mieghu fi zmien difficli li kien ghaddej minnu. Per ezempju konna mmorru aktar ta' spiss l-ghalqa u kien hemm perijodu fejn hadtlu hsieb l-ghalqa jien peress li ma kienx qed jigi. Kont ukoll insegwieh f'xi qadi li kellu. Jien niftakar li l-persuna li kien ha hsieb il-funeral li kien certu Ronnie, mir-rahal stess, kien avza lill-imputat li ried javza li missieru kien miet. Jekk niftakar sew xi gurnata jew jumejn wara l-funeral konna morna s-social services u l-imputat kien irrapporta l-mewt ta' missieru. <u>Jien kont il-hin kollu ma' l-imputat u kont mieghu ukoll x'hin kien qed javza li missieru miet</u>. <u>Jekk niftakar sew l-ufficjali li kien kellem l-imputat kienet mara</u>. Qed nigi mistoqsi jekk dakinhar l-imputat kellux xi haga f'idejh, nghid li ma nistax nirrispondi. <u>Fuq domanda tal-Qorti dwar id-diskors li sar</u>*

[40] Fol. 176 tal-process.
[41] Fol. 182 sa' 184 tal-process.

*mill-imputat ma' din l-ufficjal jekk kienx jittratta biss dwar li ta informazzjoni biss li miet missieru nghid, li sa' fejn niftakar jien iva, daqshekk biss qalilha, u hi fil-fatt wara li qalilha hekk qaltlu tista' tmur. Apparti li qaltlu tista' tmur ma nistax niftakar li qaltlu xi haga ohra*[42].

Il-Qorti ma hijiex affattu konvinta mix-xhieda li ta Joseph Attard u fil-fehma Taghha din ix-xhieda ma tikkoroborax b'mod sodisfacenti dak affermat mill-imputat. Filwaqt li l-imputat jghid li *fir-rigward ta' dan ic-cekk li semmejt, allura xi ftit jiem wara li miet missieri jien kellimt lil certu Joseph Attard u kont ghedtlu li ridt immur id-dipartiment tas-sigurtà socjali ha nara x'se naghmel bic-cekk*, dan Joseph Attard stqarr li *fuq domanda tal-Qorti dwar id-diskors li sar mill-imputat ma' din l-ufficjal jekk kienx jittratta biss dwar li ta informazzjoni biss li miet missieru nghid, li sa' fejn niftakar jien iva, daqshekk biss qalilha, u hi fil-fatt wara li qalilha hekk qaltlu tista' tmur. Apparti li qaltlu tista' tmur ma nistax niftakar li qaltlu xi haga ohra.* L-imputat u Attard evidentement ma jaqblux bejniethom dwar dak li seta' ntqal jew ma intqalx meta l-imputat allegatament mar l-ufficcju tad-Dipartiment ta' Sigurtà Socjali li hemm San Pawl il-Bahar u gharrafhom bil-mewt ta' missieru, u dana ghalkemm jghidu li dakinhar kienu flimkien.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-imputat ma rnexxilux jressaq prova konvincenti dwar il-probabilità li huwa gharraf lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bil-mewt ta' missieru, anzi l-Qorti hija konvinta li bhala fatt l-imputat ma gharrafx lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bil-mewt ta' missieru bil-konsegwenza li l-istess Dipartiment baqa' johrog il-pensjoni favur Carmelo Galea sakemm f'Mejju 2004 skoprali dan Carmelo Galea kien ilu mejjet madwar sentejn.

Fi kwalunkwe kaz anke kieku stess kellu jigi accettat il-fatt li l-imputat seta' informa lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bil-mewt ta' missieru, jibqa' l-fatt li huwa baqa' jircievi u jusufruwixxi mill-pensjoni ta' missieru Carmelo Galea wara d-data tal-mewt tieghu. In effetti mill-provi prodotti jirrizulta

[42] Sottolinear tal-Qorti.

li għalkemm Carmelo Galea miet fit-30 ta' Lulju 2002, l-imputat sarraf cheque tal-pensjoni tiegħu datat 17 ta' Awwissu 2002. Dana jirrizulta mic-cheque nnifsu esebit a fol. 46 tal-process kif ukoll mix-xhieda ta' Charlo Galea, skirvan mal-Bank Centrali, moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2008[43]: *qed nigi muri d-dokument li jinsab a fol. 46 tal-process li huwa formanti parti minn dok JC7. Nghid illi dana c-cheque huwa cheque tas-Sigurtà Socjali mahrug fuq l-isem ta' Carmelo Galea karta ta' l-identità numru 507224(M). Data tac-cheque hija 17 ta' Awwissu 2002 li ssarraf fil-Bank of Valletta branch ta' San Pawl il-Bahar fit-28 ta' Awwissu 2002. Nghid illi skond dan ic-cheque hemm firma li tindika J Galea b'id number 31182(M) li tindika l-persuna li sarfet ic-cheque.* Apparte dan ic-cheque u x-xhieda ta' Charlo Galea hemm ukoll ir-rendikont mahrug mill-Bank of Valletta relattiv ghall-kont bin-numru 40011781349 intestat lil Carmelo Galea – Dok. "JC6" a fol. 38 sa' 42 tal-process – minn liema jirrizulta li wara t-30 ta' Lulju 2002 baqghu jidhlu hlasijiet mis-Sigurtà Socjali u fuq bazi regolari kienu jsir prelijievi li, kif osservat iktar 'l fuq irrizulta li kienu jsiru mill-imputat.

Ghalkemm in kontro-ezami b'referenza ghall-firma li tidher fuq ic-cheque a fol. 46 tal-process l-imputat iddikjara li *l-firma a fol. 46 tal-process ukoll ma nistax nghid li hija tieghi ghax nerga' ntenni li mhux kompluta. Nghid li mhux kompluta peress li l-kelma Galea ma tidhirx kompluta[44],* il-Qorti difficilment tista' temmen dak affermat mill-imputat fid-dawl ta' dak dikjarat mid-Difiza waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju 2008[45]: *Dr. Reno Borg ghall-imputat b'referenza ghad-dokument li jinsab a fol. 46 tal-process formanti parti minn Dok. JC7 <u>jiddikjara li l-firma "J. Galea" fuq l-istess a fol. 46 tal-process hija l-firma ta' l-imputat Joseph Manuel Galea presenti fl-Awla u li l-imputat ghandu l-Karta ta' l-Identità bin-Numru 31182(M) liema numru tal-Karta ta' l-Identità hu miktub fuq l-istess dokument[46]</u>*.

[43] Fol. 103 u 104 tal-process.
[44] Seduta ta' l-20 ta' April 2012, fol. 177 sa' 181 tal-process.
[45] Fol. 98 u 99 tal-process.
[46] Sottolinear tal-Qorti.

L-imputat jikkontendi wkoll li missieru dejjem ircieva l-pensjoni permezz ta' *cheques* u l-pensjoni tieghu qatt ma kienet tidhol direttament f'kont bankarju. Filwaqt li dan huwa minnu ghall-perijodu qabel il-mewt ta' Carmelo Galea u sa' Settembru 2002, mill-provi prodotti u senjatament mid-dokument Dok. "GV1" esebit minn Peter Miceli Saydon u mid-dokument Dok. "JC6" a fol. 38 sa' 42 tal-process, jirrizulta li l-intimat kien ta struzzjonijiet biex il-pensjoni tibda tidhol f'kont bankarju bin-numru 40011781349 u l-pensjoni effettivament bdiet tidhol fl-imsemmi kont u dana sa' Mejju 2004 meta imbaghad id-Dipariment skopra li Carmelo Galea kien ilu sentejn mejjet. L-imputat jipprova jpoggi fid-dubju l-firma fuq id-dokument Dok. "GV1" u fuq diversi dokumenti ohra fl-atti processwali fejn tidher firma tieghu, bhal ad ezempju l-istqarrija markata Dok. “JC3” a fol. 33 u 34 tal-process, izda hlief ghal li jghid illi filwaqt li jaghraf il-firma a fol.33 tal-process bhala tieghu ma jistax jaghraf il-firma tieghu a fol. 34 tal-process ghaliex ma hijiex kompluta, huwa ma ressaq ebda prova li attwalment tikkonferma li l-firma li tidher fuq dawn id-dokumenti ma hijiex tieghu. Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, il-Qorti tqis li fejn tidher firma li hija indikata mill-Prosekuzzjoni bhala firma ta' l-imputat hija effettivament firma ta' l-imputat.

L-imputat jishaqq li *missieri jew ghalinqas sa’ fejn jien qatt ma kellu credit card jew inkella ATM card*[47] u jenfasizza fuq il-fatt li din l-ATM card li skond il-Prosekuzzjoni hija intestata lil missieru Carmelo Galea, qatt ma giet esebita. Ghalkemm huwa minnu li l-ATM card baqghet ma gietx esebita fl-atti ta’ din il-kawza, il-provi l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni u senjatament id-dokument Dok. “JC6” u r-Relazzjoni ta’ l-Espert nominat mill-Qorti esebit a fol. 76 tal-process, nettament jikkontradicu dak affermat mill-imputat.

Bil-provi mressqa ghalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova fil-grad rikjest mill-Ligi, ossia oltre kull dubju dettat mir-raguni, li l-imputat naqas milli jinforma lid-

---

[47] Seduta ta’ l-20 ta’ April 2012, fol. 177 sa’ 181 tal-process.

Dipartiment tas-Sigurtà Socjali li missieru Carmelo Galea miet fit-30 ta’ Lulju 2002 u minflok baqa’ jircievi u jusufruwixxi mill-pensjoni tieghu ghal kwazi sentejn shah, u dana a dannu tal-Gvern ta' Malta. Stabbilit dan però jehtieg issa jigi determinat jekk l-imputat huwiex hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jew alternattivament tar-reat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u jekk fil-kaz il-wiehed jew l-iehor tissussistix l-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *kull min, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta’ haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija minn seba’ xhur sa’ sentejn*. L-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *kull min, bi hsara ta’ haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu jehel, meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija minn xahar sa’ sitt xhur jew il-multa.*

Huwa principju guridiku assodat fis-sistema guridika nostrali li *fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ingann gew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. … Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. … Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f’ “raggiri o artifizi” – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta’ frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)*[48].

---

[48] Il-Pulizija v. Carmela German, Appell Kriminali Nru. 130/03 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-30 ta’ Dicembru 2004.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Custo**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 1998[49] gew elenkati t-tlett elementi li jikkostitwixxu r-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u gie stabbilit illi jekk dawn it-tlett elementi ma jissussistux flimkien allura fil-kaz taht ezami l-akkuzat ma jkunx jista' jinstab hati tar-reat ta' truffa jew frodi b'ghemil qarrieqi ai termini ta' dak l-Artikolu tal-Ligi. *L-elementi essenzjali ta' dan ir-reat ta' truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kap.9, huma att li bih tigi murija haga b'ohra maghmul bi skop li jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' krediti immaginarji, u li permezz tieghu l-agent jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor. Dan l-att imsemmi huwa l-messa in xena. Carrara jiddefinih bhala "il fine immediate dell'agente ad indurre altri a spogliarsi di una proprietà. Il risultato l'evento nel quale consiste la consumazione del malefizio è la consegna della cosa ottenutasi mercè la frode del proprietario igannato". Ghalhekk l-ewwel element hu din il-messa in xena li biha wiehed juri haga b'ohra. It-tieni element tal-frodi hu l-mens rea, cjoè l-att volut ta' l-agent u predeterminat sabiex igieghel lil haddiehor jemmen l-ezistenza ta' kreditu immaginarju. It-tielet u l-ahhar element hu l-element tal-qligh bi hsara ta' haddiehor. Illi ghalhekk wiehed irid jara jekk l-agir ta' l-appellant fil-kaz odjern jinkwadrax ruhu taht dawn it-tlett elementi kollha flimkien.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Gunju 1997[50], ukoll gie osservat illi *fil-Ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cjoe dawk l-'artifizi' jew 'raggiri' idonei li jinducu u li effettivament ikunu inducew lill-vittma fi zball – l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent. Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei, b'artifizio wiehed ghandu jifhem: "ogni studiata trasfigurazione del*

---

[49] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. LXXXII – iv – 226.

[50] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. LXXXI – iv – 207.

*vero, ogni camuffamento della realtà effettuato sia simulando ciò che non esiste (per es. ricchezza, titoli, nome, qualità ecc.) sia dissimulando, vale a dire, nascondendo ciò che esiste (per es. il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l'uso di una determinate cosa ecc). … L-istess awtur jiddefinixxi r-raggir bil-mod segwenti: "Il raggiro … è un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: più precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verità." Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cjoè li dawn l-artifizji jew raggiri jkunu xi haga kkumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna bi kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-Ligi taghna. Però, kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf partimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh. Fi kliem l-awtur appena citat: "Il consenso della vittima, carpito fraudolentement, caratterizza il reato (di truffa) e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati, in fatti, presuppongono il dissenso della vittima perchè il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitraria e perciò non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri riesce ad ottenere che la vittima si danneggi da sè; consegni una cosa, assuma un' obbligazione, rinunzi ad un diritto ecc.: compia insomma un atto di disposizione*

*pregiudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri".*

Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm ma hemmx dubju li l-imputat qarraq bid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali meta naqas milli jinfurmhom bil-mewt ta' missieru u konsegwentement baqa' jircievi u jusufruwixxi mill-pensjoni tieghu ghal zmien konsiderevoli, l-istess imputat ma jistax jinstab hati tar-reat ta' truffa kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex ma jissussistix l-iktar element importanti ghal dan ir-reat, u cioè il-*mise en scene*. L-imputat huwa indubbjament però hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li bl-agir qarrieqi tieghu huwa ghamel qligh a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Stabbilit dan il-punt jehtieg issa jigi determinat jekk fil-kaz in ezami tissussistix l-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *fil-kazijiet imsemmijin f'dan is-sub-titolu (a) meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati huwa aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), il-peina tkun ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa' seba' snin.*

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u senjatament id-dokumenti Dok. "JC6" u Dok. "JC7" a fol. 38 sa' 46 tal-process, jirrizulta li l-hlasijiet effettwati mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali bic-cheque datat 17 ta' Awwissu 2002 u bid-depoziti effettwati fil-kont bankarju bin-numru 40011781349 intestat lil Carmelo Galea bejn is-17 ta' Awwissu 2002 u t-22 ta' Mejju 2004, komplessivament jammontaw ghal Lm5,974.16, illum ekwivalenti ghal €13,916.05. Ghaldaqstant, l-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissussisti u konsegwentment dak provdut fl-imsemmi artikolu tal-Ligi ghandu jigi applikat fil-kaz in ezami.

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi kien già gie kkundannat ghal reati b'sentenzi pronuncjati mill-Qorti tal-Magistrati. L-imsemmija Artikoli

49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdu li *persuna titqies recidiva jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b’sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor … Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dakinar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta’ dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista’ tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor.*

Bhala prova ta’ din l-akkuza fil-konfront ta’ l-imputat il-Prosekuzzjoni esebiet zewg sentenzi: (a) sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) v. Joseph Manuel Galea” deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta’ Mejju 2003 bis-sahha ta’ liema Joseph Manuel Galea instab hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu u gie ikkundannat ihallas multa ta’ ghoxrin Lira Maltija[51]; u (b) sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Joseph Galea” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-14 ta’ Awwissu 2003, bis-sahha ta’ liema giet ikkonfermata sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali pronuncjata fl-10 ta’ Dicembru 2002, li biha Joseph Galea gie misjub hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu u gie kkundannat ghall-hlas ta’ multa ta’ tletin Lira Maltija[52]. Il-Prosekuzzjoni giet ezentata mill-imputat mill-prova ulterjuri ta’ l-identità stante li waqt is-seduta tat-23 ta’ Gunju 2008[53] saru s-segwenti zewg dikjarazzjonijiet: (i) *Dr. Reno Borg ghall-imputat jiddikjara li qed jezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella bhala xhud lill-Ispettur Joseph Mercieca bhala xhud ta’ l-identità rigward il-kopja tas-sentenza esebita bhala Dok. JC10 li tinsab a fol. 49 u 50 tal-process u jiddikjara li l-imputat Joseph Manuel Galea presenti fl-Awla qed jaccetta li huwa l-istess imputat riferit fl-istess kopja tas-sentenza esebita bhala Dok. JC10;* u (ii) *In oltre Dr. Reno Borg ghall-imputat jiddikjara li qed jezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella xhud rigward il-kopja tas-sentenza esebita bhala Dok. JC11 li tinsab a fol. 51 u 52 tal-process u jiddikjara li l-imputat Joseph Manuel*

[51] Dok. “JC10” a fol. 49 u 50 tal-process.
[52] Dok. “JC11” a fol. 51 u 52 tal-process.
[53] Fol. 98 u 99 tal-process.

*Galea presenti fl-Awla qed jaccetta li huwa l-istess imputat riferit fl-istess kopja tas-sentenza esebita bhala Dok. JC11.*

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta debitament u sodisfacentement ippruvat li l-imputat effettivament irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati kif ukoll id-durata ta' l-agir ta' l-istess imputat u l-entità tal-qligh li huwa ghamel a dannu tal-Gvern ta' Malta. Qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali ta' l-imputat esebita bhala Dok. "JC2" a fol. 22 sa' 27 tal-process u bhala Dok. "FGA1" a fol. 130 sa' 132.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 309 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta izda ssibu hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssibu hati wkoll li irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija.

B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 23B(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' €13,916.05, ekwivalenti ghal Lm5,974.16, li ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------